MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2007

Appell Civili Numru. 22/2006

**Edward Tanti**

**vs**

**USL Services Ltd**

**Il-Qorti,**

Fil-31 ta' Ottubru, 2006, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal
>
> Wara li ha konjizzjoni ta' l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentat fl-10 ta' April 2006 fejn ir-Rikorrenti talab danni ta' hames mitt Lira Maltin (Lm500) rapprezentanti spejjez ulterjuri li kellu jhallas wara li ha l-karozza tieghu ghat-tiswija ghand id-ditta ntimata.

L-intimatipprezenta Risposta ghal din it-talba u attenda ghal xi seduti.

Illi wara li sema’ x-xhieda tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema’ x-xhieda ta’ l-intimat li huwa rapprezentant tad-ditta ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

1. Ir-Rikorrenti kien ha l-karozza tieghu ghat-tiswija ghand id-ditta ntimata u wara li hadha lura sab li nqalghu aktar problemi milli kellha. Ghalhekk qed jitlob li jinghata hames mitt lira Maltin (Lm500).

2. L-intimat ipprezenta risposta pero attenda biss ghal seduta wahda.

3. It-Tribunal wara li sema’ lir-Rikorrenti jinnota li l-versjoni tieghu hija kredibbli.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal jilqa’ t-talba tar-Rikorrenti u jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta’ hames mitt Lira Maltin (Lm500) bl-ispejjez kontra l-istess intimat.”

Il-kontestazzjoni tas-socjeta` mharrka fil-konfront ta’ din is-sentenza hi bazata fuq binarju duplici. Fl-ewwel lok hi tissottometti illi ma nghatatx l-opportunita` li tesponi d-difiza taghha quddiem it-Tribunal b’ mod li gie vjolat lilha d-dritt ta’ smigh xieraq. Sekondarjament, it-Tribunal naqas li jezamina l-provi quddiemu b’ tali mod li kkundannaha thallas ghal servizzi u materjal li lanqas kienu jifformaw l-mertu ta’ l-ilment tar-rikorrenti u dan gab li l-ammont kanonizzat hu eccessiv;

Hi gurisprudenza ferm pacifika illi kull tribunal ghandu jirrispetta r-regola fondamentali li kull parti ghandha jkollha l-opportunita li ggib ‘il quddiem il-provi taghha u taghmel l-osservazjonijiet pertinenti ghal kaz. Ara b’ ezemplari **Kollez. Vol. XXXV P III p 514** u **Vol. XXXII P II p 350**. Effettivament, linejarment ma’ dan il-hsieb, din il-Qorti ghandha b’ attribuzzjoni l-poter residwali li tirrimedja ghal sitwazzjonijiet ta’ lezjoni ta’ din ir-regola fondamentali ghal smigh xieraq. Ara “**Busy Bee Ltd -vs- Joseph M. Said**”, Appell Inferjuri. 21 ta’ Marzu 1997. Wisq naturali meta tinsorgi lanjanza f’ dan il-kuntest il-Qorti jehtiegilha tipperkorri l-*iter* tal-procediment quddiem it-Tribunal li quddiemu jkun ingieb il-kaz biex minnu tiddetermina jekk dik il-lanjanza hijiex sostenibbli;

Il-kronologija ta’ l-atti processwali tipprovdi dan il-kwadru:-

(1) Seduta 15 ta’ Gunju 2006. Dehru l-partijiet u l-Avukat tas-socjeta` appellanti. Fiha jidher li t-Tribunal sema’ l-veduti taz-zewg partijiet u l-kawza giet differita “ghall-aktar provi fuq il-kaz”;

(2) Seduta 6 ta’ Lulju 2006. Fiha deher biss ir-rikorrenti assistit mill-konsulent legali tieghu. L-intimat ma deherx u l-kawza giet imhollija ghas-7 ta’ Settembru 2006 “bl-intendiment car li jekk l-intimat ma jattendix ghas-seduta t-Tribunal ser jghaddi ghas-sentenza”. Ara verbal ta’ din is-seduta a fol. 46;

(3) Ir-rikorrenti ntavola Nota b’ diversi dokumenti;

(4) Seduta 7 ta’ Settembru 2006. Hawn ukoll l-intimat rega’ ma deherx u l-kawza giet aggornata ghas-sentenza ghas-26 ta’ Settembru 2006. Effettivament din inghatat fil-31 ta’ Ottubru 2006;

Dan premess, is-socjeta` appellanti tissottometti illi l-Avukat taghha kien informa verbalment lill-Arbitru li l-patrocinat tieghu kien ma jiflahx u ma setax jattendi ghas-seduta tas-7 ta’ Settembru 2006 u allura ticcensura lit-

Tribunal li, ciononostante, dan xorta wahda zamm is-seduta u sema' x-xhieda tal-mekkanik prodott mir-rikorrenti. Issa apparti l-fatt li ma jinsab registrat ebda verbal f' dan is-sens u ankorke din il-Qorti kellha tammetti s-sottomissjoni li ghal dik is-seduta partikolari r-rapprezentant tas-socjeta` appellanti kien indispost anke jekk ebda certifikat mediku ma gie prodott b' sostenn, jidher car li s-socjeta` appellanti ma segwietx, kif hekk kien jispetta lilha, il-perkors tal-kawza. Dan mhux biss ghax naqset ukoll milli tattendi ghas-seduta precedenti tas-6 ta' Lulju 2006, imma ghaliex mill-inkartament ma jirrizulta ebda att li bih hi talbet is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza. Fil-minimu, wiehed kellu ragonevolment jispetta att f' dan is-sens;

Tabilhaqq f' qaghda bhal din ikollu jigi ripetut b' estrazzjoni mis-sentenza "**Teddy Spiteri *et* -vs- Catherine Muscat *et***", Appell, 6 ta' Ottubru 2000, illi "hi wkoll zbaljata s-sottomissjoni ta' l-appellanti illi l-principju *audi alteram partem* kien wiehed li jittraxxendi r-regoli ta' procedura mahsuba biex jorganizza l-process gudizzjarju u li l-Qrati u l-<u>partijiet</u> (sottolinejar ta' l-istess Qorti) kienu tenuti u obbligati li josservaw. Indubbjament anke fl-applikazzjoni ta' dan il-principju bazilari ta' dritt kellhom jigu osservati l-interessi supremi tal-gustizzja kif ukoll id-drittijiet tal-kontro-parti li kienu jesigu illi s-smigh tal-kawza jkun regolat skond kif tidderiegi l-Qorti bl-applikazzjoni tal-ligi procedurali". Dan huwa hekk, *multo magis*, fil-kaz tal-procedura ritwali quddiem it-Tribunal adit. Ara Artikolu 23 ta' l-Att XXVIII ta' l-1994. F' sens konformi ghal silta appena riportata huma s-sentenzi citati mill-appellat in re: "**Joseph Falzon -vs- Anthony Debono *nomine***", Appell Kummercjali, 13 ta' Jannar 1975 u "**Lawrence Ciantar *nomine* -vs- Anthony Montebello**", Appell, 7 ta' Ottubru 1997;

Isegwi kemm mill-*iter* riportat kif ukoll mill-konsiderazzjonijiet appena maghmula illi l-ewwel aggravju huwa ghal kollox infondat;

Il-Qorti ssib aktar logika u serjeta fil-kaz tat-tieni ilment. Gja kellha okkazjoni tirrileva f' decizjonijiet ohra taghha illi l-harsien tal-principju ta' gustizzja naturali jimporta li l-kundanna ghad-danni ma ghandhiex tkun inkonsistenti mal-provi fattwalment akkwiziti. Is-sommarjeta fis-smigh u decizjoni tal-kawza ma ghandhiex, fil-fehma tal-Qorti, tigi ridotta ghall-ghaggla zejda minghajr riflessjoni xierqa u adegwata tal-provi. L-istess ligi li kkrejat it-Tribunal tippreskrivi li t-Tribunal ghandu jaqta' l-kwestjoni quddiemu "skond kull mertu u gustizzja sostantiva tal-kaz, u skond l-ekwita" [Artikolu 21 (1)]. Mhix "gustizzja sostantiva" meta d-decizjoni finali, riferibilment ghall-kwantum tad-danni, tkun inkongruwa mal-provi accertati dwarhom kif supportati mid-dokumenti esebiti mill-parti stess li ppretendiet dawk id-danni;

Dan qed jigi hekk rilevat in kwantu din il-Qorti ma ssibx li kien hemm raguni biex it-Tribunal jikkundanna lis-socjeta` appellanti ghas-somma totali pretiza meta din mhix sostnuta ghall-intier taghha mir-ricevuti esebiti. L-aktar li seta' jasal it-Tribunal b' ekwita kien li jillikwida d-danni fl-ammont ta' tliet mija u tmienja u tletin lira u sitta u disghin centezmu (Lm338.96). Ara dokumenti minn fol. 12 sa fol. 15;

Jidher li l-appellat hu konxju mill-fatt li t-Tribunal mar oltre l-ammont tad-danni hekk sostenuti mir-ricevuti, tant li jipprova jsib soljev fl-argoment li "kwalunkwe diskrepanza minima hija wkoll gustifikata ai termini tat-talba ghal danni morali in vista tal-fatt li matul iz-zmien li fih il-vettura ma setghetx tintuza minhabba l-hsarat ikkawzati mis-socjeta` appellanti, il-mara ta' l-esponenti kienet tqila". Ikollu jinghad li apparti n-nuqqas ta' prova tal-gravidanza ta' mart l-appellat, il-gustizzja sostantiva u l-ekwita` jesigu li f' tema ta' kompensazzjoni ta' danni d-danneggjat ghandu veru jigi mqieghed f' posizzjoni li hu kien ikollu kieku ma gietx kagonata l-hsara (ara **Vol. XLIX P I p 526**), izda mhux ukoll li jitghabba b' pizijiet akbar jew isir

approfittament ingustifikat minnu meta ma jkunx hekk il-kaz u ma tkunx ingiebet prova konvincenti dwarhom;

Issa huwa minnu li l-appellat ghamel referenza ghal danni morali fit-talba promotrici tieghu u huwa minnu wkoll li l-Artikolu 21 (2) ta' l-Att imsemmi jahseb ghal dawn ix-xorta ta' danni, varjabbli minn hmistax-il lira ghal mitt lira, b' danakollu, imbaghad, fis-sentenza appellata t-Tribunal ma pprovda ebda kundanna ghal dawn l-ispeci ta' danni. Huwa ghalhekk inutli li l-appellat jittanta jestraji gustifikazzjoni ghad-"diskrepanza", li hu nnifsu korrettement ikkonstata, billi jikkontrapponi ghad-decizjoni tat-Tribunal ir-ri-elaborazzjoni personali tieghu tal-provi, minn imkien mill-atti sostenuta. Huwa l-kaz minn dan dedott illi s-sentenza tigi varjata fil-parti kundannatorja taghha ta' l-ammont tad-danni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tirrespingi l-ewwel aggravju sottomess lilha b' dan li qed tilqa' t-tieni aggravju, u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi tirreduci l-ammont tad-danni ghas-somma ta' tliet mija u tmienja u tletin lira Maltin, sitta u disghin centezmu (Lm338.96). L-ispejjez taz-zewg istanzi jitbatew kwantu ghal tliet kwarti (3/4) mis-socjeta` appellanti u kwarta parti (1/4) mill-appellat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------